**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' Ottubru, 2016**

**Citazzjoni Nru: 564/2012 AF**

**Kevin Attard**

**vs**

**Romina Tonna Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Kevin Attard li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrent silef, fl-4 ta' Gunju 2007, is-somma ta' sitt elef Liri Maltin (Lm6000) ekwivalenti ghal tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24c) lill-intimata, skond ma jirrizulta mic-*cheque image* mghoddi lill-istess intimata mir-rikorrent, li qed tigi annessa u mmarkata Dokument ittra "A". Dan ic-cheque gie debitament imsarraf mill-intimata fit-18 ta' Gunju 2007, skont ma jirrizulta mill-istess dokument esebit.

Minkejja diversi talbiet mir-rikorrent lill-intimata sabiex tirrifondilu l-amont lilha misluf, l-intimata baqghet inadempjenti u ma hallset xejn minn din is-somma, minkejja li ghadda hafna z-zmien.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Fil-fehma tar-rikorrent, l-intimata m'ghandha ebda eccezzjonijiet x'taghti dwar it-talba tar-rikorrent, u ghalhekk qed jintalab li din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh u ghalhekk bil-procedura sommarja specjali.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skont kif mahsub fl-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrent kien silef lill-intimata s-somma ta' sitt elef Liri Maltin (Lm6000) ekwivalenti ghal tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24c), u li l-intimata ma rrifondietx din is-somma lir-rikorrent.

3. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24c).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ezekuttiva datata 9 ta' Marzu 2012, debitament notifikata, kontra l-intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2012 fejn xehdet il-konvenuta Romina Vella Tonna u peress illi l-Qorti qieset illi l-konvenuta kellha eċċezzjonijiet xi tressaq ingħatat għoxrin jum żmien sabiex tippreżenta r-risposta tagħha għar-rikors tal-attur.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Romina Vella Tonna li permezz tagħha eċċepiet illi:

It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-ammont ma hux dovut kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li r-rikorrenti ma silef ebda ammont ta' flus lill-intimata izda l-ammont ta' sitt elef Liri Maltin (Lm6000) inghata lill-intimata bhala rigal ghall-ghoti tal-management tal-Agenzija bin-numru sitta u tletin (36) u sabiex jaghmel ix-xoghol ta' din l-Agenzija f'isem l-intimata.

Konsegwentement l-intimata m'ghandha taghti xejn lir-rikorrenti u ghaldaqstant it-talbiet tar-ikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-fatti tal-kawża huma dawn. Il-partijiet daħlu f'*management agreement* li permezz tiegħu l-konvenuta, li kienet aġent awtorizzat tal-Malta Dairy Products Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa MDP), għaddiet il-ġestjoni tax-xogħol ta' aġenzija lill-attur permezz ta' skrittura datata 25 ta' Jannar 2005. Dan il-ftehim kien validu għall-sena iżda baqa' jiġġedded minn sena għall-sena taħt l-istess kundizzjonijiet sakemm l-attur daħal fi ftehim dirett mal-MDP li permezz tiegħu ħa f'idejh l-aġenzija li kienet

tmexxi l-konvenuta. Il-partijiet jaqblu bejniethom illi l-attur kien ħallas l-ammont ta' LM6000, illum €13,976.24 lill-konvenuta. Iżda filwaqt li l-attur jgħid illi inizjalment dan l-ammont kien misluf lilha, imma li imbagħad il-konvenuta infurmatu li ser iżżommhom sakemm jiġi terminat il-ftehim ta' bejniethom bħala garanzija għall-ħlas dovut dirett lill-MDP, il-konvenuta tgħid illi dawn il-flus ma kienu self xejn iżda rigal illi l-attur ħallas minn jeddu sabiex ikompli bil-ġestjoni tal-aġenzija. Dan peress illi, skont il-konvenuta, ħaddieħor, ċertu Anthony Zammit, kien interessat fin-negozju u kien offra li jħallasha l-ammont ta' LM6000 bħala rigal sabiex jiġġestixxi n-negozju tal-aġenzija tal-konvenuta minflok l-attur. Meta spiċċa l-*management agreement* bejn il-partijiet fis-sena 2011 l-attur talab lill-konvenuta trodd il-flus lura lilu iżda hija rrifjutat.

Kif diġà ngħad il-konvenuta teċċepixxi biss illi dawn il-flus mhumiex dovuti lill-attur għaliex kienu tħallsu bħala rigal sabiex l-attur ikompli jiġġestixxi n-negozju tal-aġenzija tal-MDP peress illi terza persuna wriet interess fin-negozju u kienet lesta tħallas rigal sabiex tieħu n-negozju minflok l-attur.

Din il-kawża tistrieħ fuq il-kredibiltà tax-xhieda u fuq l-apprezzament illi din il-Qorti trid tagħmel prinċipalment fuq id-deposizzjonijiet tagħhom. Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq, deċiza fit-30 t' Ottubru 2003:

> *"Fil-kamp ċivili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti ghall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li*

*minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"'.*

Il-konflitt tal-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Farrugia vs Farrugia, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966).

L-artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili jiddefinixxi l-mutwu bħala self għall-konsum, bħala kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkonsenja lill-oħra xi kwantita' ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li minkejja li l-attur fir-rikors tiegħu jgħid illi l-ammont ta' LM6000 kien inizjalment silifhom lill-konvenuta, fl-affidavit tiegħu huwa jżid illi l-konvenuta infurmatu li ser żżomm il-flus għandha sakemm jibqa' in vigore l-ftehim ta' bejnithom bħala garanzija għall-ħlas dovut dirett lill-MDP. Iżda l-Qorti tirrileva li skont artikolu 1233 tal-Kodiċi Ċivili garanzija għandha ssir bil-miktub taħt piena ta' nullità. In kwantu li f'dan il-każ ma jirriżultax illi teżisti xi skrittura fir-rigward ta' dawn il-flus ċertament ma jistax jingħad illi din kienet garanzija valida skont il-liġi.

Mill-provi prodotti l-Qorti hija tal-fehma li x-xhieda tal-konvenuta u ta' żewġha Jesmond Tonna la huma verosimili u lanqas kredibbli in kwantu li huma fil-maġġor parti inkonsistenti.

Dan qiegħed jingħad fid-dawl tas-segwenti inkonsistenzi: (i) filwaqt illi l-attriċi tgħid kien dan Anthony Zammit li offra LM6000 bħala rigal għan-negozju, żewġha Jesmond Tonna jgħid illi kien huwa li talab LM6000 lil Zammit bħala rigal sabiex jiġġestixxi n-negozju; (ii) filwaqt illi l-attriċi tgħid illi Anthony Zammit avviċina lil żewġha fis-sena 2005 jew fis-sena 2006,

Jesmond Tonna l-ewwel jgħid illi Zammit avviċinah fil-bidu tal-2007 iżda in kontro eżami jgħid illi avviċinah fl-aħħar tas-sena 2006 u (iii) filwaqt illi in kontro eżami l-konvenuta tgħid illi hija qalet lill-attur bl-allegat offerta ta' Zammit, Jesmond Tonna jgħid illi lill-attur ma kienx qallu bl-offerta ta' dan Zammit.

Il-konvenuta naqset milli tressaq bħala xhud lill-imsemmi Anthony Zammit li dwaru ssejjes il-verzjoni tal-fatti tagħha. Il-Qorti ssibha diffiċli li temmen il-verżjoni tal-konvenuta mingħajr ma kellha mqar l-opportunità biex tisma' l-verżjoni tiegħu tal-istorja.

B'żieda ma' dan, il-Qorti qieset illi in kontro eżami l-konvenuta kienet evażiva ħafna fir-risposti tagħha għad-domandi li sarulha. Il-Qorti ma tqisx illi hija kredibbli x-xhieda tagħha meta hija tgħid illi ma tiftakarx meta kien jiskadi l-kuntratt tagħha mal-MDP u lanqas ma tiftakar jekk baghtitx 'sms' lill-attur tinfurmah illi ser tħallsu lura f'pagamenti ta' LM50.

Huwa minnu li l-attur jgħid illi għas-sena 2007 il-ftehim bejnu u bejn l-konvenuta għall-ġestjoni tan-negozju ta' aġenzija tal-MDP ġie mġedded fiż-żmien illi tħallsu lill-konvenuta l-flus in kwistjoni iżda fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti hija tal-fehma li dawn il-flus ġew mgħoddija lill-konvenuta bħala self jew depożitu akkont tal-arranġament ta' kreditu li l-aġenzija kellha mal-MDP. Issa l-artikolu 1894 tal-Kodiċi Ċivili jxebbaħ depożitu mal-kuntratt ta' self jew mutwu u dan għaliex ir-reċipjent tal-flus jew oġġett ieħor fdat bid-depożitu għandu l-istess jeddijiet u obbligi. In kwantu li l-attur jgħid illi huwa silef dan l-ammont lill-konvenuta u għalhekk huwa qiegħed jirrikonoxxi li l-konvenuta setgħet tinqeda b'dawn il-flus, kif fil-fatt jirriżulta li għamlet għaliex ic-*cheque* issarraf, anke li kieku jirriżulta li dan l-ammont tħallas bħala depożitu u mhux self, xorta japplika għall-każ l-artikolu 1894 li jgħid hekk:

> "*Id-depożitu ta' flus jew ta' ħwejjeġ oħra li jintemmu bl-użu, hu regolat mil-liġijiet dwar is-self ta' ħaġa għall-konsum jew mutwu, meta lid-depożitarju tkun ingħatat is-setgħa li jinqeda bil-ħaġa ddepożitat*".

Għaldaqstant, u in kwantu li t-talba tal-attur hija sabiex l-attriċi tiġi kkundannata tħallas l-ammont ta' €13,976.24 u ċioè Lm6000 li rċeviet mingħand l-attur, il-Qorti ma ssib ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talba tiegħu, kienx l-ammont misluf lilha jew inżammx minnha bħala depożitu (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Paul Gauci vs Joseph Mugliette, deċiża fid-9 ta' Frar 2001).

Għalhekk peress illi l-Qorti qiegħda temmen il-verżjoni tal-attur li s-somma ta' Lm6000 kienet fil-fatt ġiet mislufa lill-konvenuta u mhux mgħoddija lilha bħala rigal għall-aġenzija, it-talbiet tal-attur qegħdin jiġu milqugħa.

Għalhekk u għal dawn il-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar l-ewwel talba tal-attur billi l-konvenuta ġiet awtorizzata tikkontesta l-kawża u waqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-tieni talba attriċi billi tiddikjara u tiddeċiedi li l-attur silef lill-konvenuta s-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) ekwivalenti għal tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) u li l-konvenuta ma rrifondietx din is-somma lill-attur u tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur din is-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) bl-imgħax kif mitlub mit-12 ta' Ġunju 2012 u ċioè mid-data meta l-konvenuta ġiet notifikata bir-rikors promotur.

Spejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG